MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 667/2004

**Emanuela Zammit**

**vs**

**(1) Maria Dolores Spiteri
(2) Antoinette Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fid-29 ta' Novembru, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna l-konvenuti li jhallsu s-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) bhala bilanc ta' somma dovuta ai termini ta' skrittura privata datata 15 ta' Jannar, 2001 (Dok EZ1) u dana dovuti mill-konvenuta Maria Dolores Spiteri bhala d-debitrici principali u l-konvenuta Antoinette Zammit bhala l-garanti ghal tali obbligazzjoni hekk kif jirrizulta mill-istess skrittura u dana stante li ai termini ta' l-imsemmija skrittura d-debitrici principali hija moruza f'zewg pagamenti u ghalhekk tilfet il-beneficcju tat-terminu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat Kawtelatorju bin-numru 2325/2004 u bl-imghax mid-data ta' l-ewwel sejha ghall-hlas u cioe' l-20 ta' Lulju, 2004, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Dolores Spiteri (109866M) fejn eccepiet:

1. illi fl-ewwel lok in-nullita ta' l-azzjoni peress illi l-kawza hija ntavolata minn l-attrici wahida meta l-azzjoni kellha tkun intavolata mill-konjugi Zammit, inkluz ir-ragel ta' l-attrici certu george Zammit;
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ghandhom jigu michuda stante li l-kawza odjerna hija wahda llecita kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Illi minkejja li fil-ftehim ezebit l-attrici ma ghamlet ebda referenza ghall-imghax, ser jirrizulta pero' li fil-fatt l-attrici kienet titlob imghax gholi hafna. Illi dan il-fattur huwa reat kriminali, kwindi jsegwi li llum il-gurnata l-kwistjoni ma hijiex sempliciment li jigi kalkolat se mai kemm huwa l-kapital u l-kalkolu ta' l-imghax legali, izda l-kawza hija bbazata fuq azzjoni li tikkostitwixxi kzur ta' ordni pubbliku u cioe' kawza llecita.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija wahda llecita peress illi l-attrici ghamlet self kostanti kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, liema self sar minghajr licenzja ta' l-awtoritajiet kompetenti kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Illi anke dan l-agir fih innifsu jikkostitwixxi ksur ta' ordni pubbliku stante li huwa reat kriminali. Illi ghalhekk dan il-fatt wahdu jikkostitwixxi dina l-kawza bhala llecita.
4. Illi fil-mertu l-esponenti tramite terzi hallset dak kollu minnha dovut.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 2005 [fol. 17] fejn il-konvenuta l-ohra Antoinette Zammit assocjat ruhha ma' l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuta l-ohra Maria Dolores Spiteri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li permezz ta' skrittura privata tal-15 ta' Jannar 2001 l-attrici Emanuela Zammit silfet l-ammont ta' elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm2,400) lill-konvenuta Maria Dolores Spiteri. F'dan il-ftehim dehret ukoll Anoinette Zammit li accettat li tkun garanti ghall-hlas lill-attrici. Il-Qorti tirrileva li l-attrici Emanuela Zammit ma ffirmatx din l-iskrittura. Skond l-attrici, l-ftehim gie redatt minn Dr Edward Gatt u rceviet l-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600). Suppost il-pagamenti kellhom ikunu ta' mitt lira Maltin (Lm100) kull hmistax-il gurnata (15), izda kienet tircievi pagamenti ftit ftit f'ammonti ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) minghand Anoinette Zammit.

Skond il-konvenuta Maria Dolores Spiteri, fl-affidavit taghha a fol. 23, dan il-ftehim kien jinkludi ghoxrin fil-mija (20%) bhala imghax u li ma kinux qalu lill-avukat b'dan il-fatt.

Antoinette Zammit a fol. 25 tghid illi hija accettat li toqghod bhala garanti, u li kien hemm ftehim li l-imgahx kellu jkun ta' ghoxrin fil-mija (20%). Lill-avukat ma qalulux b'dan il-ftehim. Skond Zammit, il-konvenuta Spiteri li hallset mitejn lira Maltin (Lm200), mentri Zammit stess hallset tliet mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) u sitt mitt lira Maltin (Lm600) f'ammonti ta' mitt lira kull hmistax-il gurnata. Qatt ma kienu jinghataw rcevuti.

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti qeghdin jaghmlu enfazi kbira fuq il-kawza llecita tal-ftehim fuq imsemmi tal-15 ta' Jannar, 2001, peress illi dan il-ftehim fih imghax gholi hafna mhux skond il-ligi. Ma ssemma xejn dwar in-nullita tal-ftehim peress illi ma fihx il-firma ta' wiehed mill-kontraenti. Peress illi l-Qorti ma tistax tqajjem ex-ufficio eccezzjonijiet li ma jkunux gia qajjmu l-konvenuti, ma tistax tidhol fil-kwistjoni tan-nullita' tal-ftehim fuq imsemmi

u del resto lanqas ma tista tidhol fil-kwistjoni ta' l-annulabilita taghha minhabba kawza llecita.

F'kawza Joseph Anthony Bajada vs Pauline Lamb (Vol. XXXVI P2 p585) nghad, "Hija gurisprudenza kostanti illi meta l-kwistjoni hija ta' nullita', l-konvenut f'kawza jista' jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annulabilita', ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni *ad hoc*." [Ara wkoll Vol XXXVIII P1 p51]

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi jekk il-ftehim tal-15 ta' Jannar, 2001 fihx kawza llecita, hija kwistjoni ta' annulabilita' u mhux ta' nullita' u ghalhekk il-Qorti ma tistax tidhol f'din il-kwistjoni u fin-nuqqas ta' eccezzjonijiet ohra, trid tiehu l-ftehim ghal dak illi hu, minfejn Jirrizulta li l-attrici silfet lill-konvenuta Maria Dolores Spiteri l-ammont ta' elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm2,400) u fejn il-konvenuta Antoinette Zammit ikkostitwit ruhha bhala garanti.

Skond l-attrici l-konvenuti hallsu biss sitt mitt lira (Lm600), minkejja li dan huwa kontestat mill-konvenuti, ma gabu l-ebda prova tal-pagamaneti maghmula. Dan in-nuqqas jirrifletti certa traskuragni fl-affarijiet taghhom, fejn minkejja d-delikatezza tal-kwistjoni, ma fittxewx dak illi hu taghhom u nsistew ghall-ircevuti ta' l-ammonti moghtija.

Ghalhekk, il-Qorti trid toqghod fuq dak illi qalet l-attrici u taccetta d-dikjarazzjonijiet taghha tal-pagamenti maghmula mill-konvenuti.

Rigward l-ewwel eccezzjoni taghhom, dik ta' nullita' ta' l-azzjoni, peress illi l-kawza hija ntavolata mill-attrici wahida u mhux ukoll minn zewgha, l-partijiet ma gabu l-ebda provi dwarha u ghalhekk il-Qorti mhijiex f'posizzjoni illi taghti gudizzju dwar din l-eccezzjoni. Naturalment fin-nuqqas ta' provi, u peress min jallega jrid jipprova, allura fin-nuqqas ta' prova minn naha tal-konvenuti, l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa t-talba ta’ l-attrici u tikkundanna lill-konvenuti li solidament bejnithom ihallsu s-somma ta’ elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) bhala bilanc ta’ somma dovuta ai termini ta’ skrittura privata datata 15 ta’ Jannar, 2001 u dana dovuti mill-konvenuta Maria Dolores Spiteri bhala d-debitrici principali u l-konvenuta Antoinette Zammit bhala l-garanti ghal tali obbligazzjoni ai termini ta’ l-istess skrittura u dana stante li d-debitrici principali kienet moruza f’zewg pagamenti u ghalhekk tilfet il-beneficcju tat-terminu.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------